MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1073/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs.**

**1. Mallia Borg Co.**
**2. John u Felicienne mizzewgin Mallia (K.I. 422953 (M) u 437857 (M)).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 24 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Christine Abela datat 1 ta' Gunju 2004 (Dok. "A"), l-intimati kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' hames mija u sebgha u

hamsin elf, hames mija u dsatax-il ewro (€557, 517) flimkien ma' imghax u spejjez relattivi.

Illi ghaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi, llum d-debitu tal-intimati jammonta ghal seba' mija u dsatax-il elf, mitejn u hamsa u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€719,265.22) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Settembru 2008 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi kontra l-intimati l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 1 ta' Gunju 2004 (Dok. "A") in atti Nutar Christine Abela fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez relattivi kontra l-istess intimati.

Rat id-dokument esebit mar-rikors promotorju mmarkat bhala Dok. "A" konsistenti fil-kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Gunju 2004;

Rat li l-istess rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-25 ta' Novembru 2008.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha datata 19 ta' Novembru 2008 a fol 10 tal-process fejn intqal :-

(1) Illi l-Bank rikorrent qed jippremetti illi *stante* li ghaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-kuntratt datat 1 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Christine Abela seta' jigi esegwit, kellu jsir dan ir-rikors biex il-Bank jigi awtorizzat jesegwixxi kontra l-intimati l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

(2) Illi r-rikors promotur gie intavolat inutilment – mhux korrett meta jinghad illi ghaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-kuntratt datat l-1 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Dottor Christine Abela seta' jigi esegwit. L-**artikolu 256 (2) tal-Kap. 12** jipprovdi li tista' ssir l-esekuzzjoni ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu wara jumejn min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju. Fil-kaz

odjern, ma jirrizultax li qatt kien hemm xi att gudizzjarju li bih l-intimati gew interpellati biex ihallsu, u ghaldaqstant l-imsemmi kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ghadu sal-lum mhux esegwibbli, *ergo* certament ma’ jistax jinghad li ghaddew tliet snin jew aktar minn meta l-kuntratt seta’ jigi esegwit.

(3) Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti xorta jidhirlha li ghandha takkorda t-talba ghall-esekuzzjoni, din ghandha tkun limitata ghall-ammonti indikati fil-kuntratt tal-1 ta’ Gunju 2004 u mhux ghall-ammont indikat fir-rikors promotur.

(4) Illi ghaldaqstant billi jirrizulta li r-rikors promotur gie intavolat inutilment, it-talba tal-Bank rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008 fejn l-istess rikors thalla ghall-providement finali ghad-29 ta’ Jannar 2009.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 25 ta’ Novembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi s-socjeta’ rikorrenti qed prezentat dan ir-rikors skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 258 (c) tal-Kap. 12** sabiex tirrendi esegwibbli l-kuntratt pubbliku datat l-1 ta’ Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Christine Abela u dan peress li ghaddew tliet snin mid-data tal-istess kuntratt.

Illi l-intimati qed jopponu ghall-istess peress li qed isostnu li dan ir-rikors ma jistax jigi milqugh, peress li sabiex tali kuntratt jigi rez esegwibbli trid qabel issir ittra ufficjali skont l-**artikolu 256 (2) tal-Kap. 12** li jipprovedi li l-esekuzzjoni ta’ titolu esekuttiv (li mhux sentenza) tista’ ssir

biss wara jumejn min-notifika ghas-sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju – u ladarba dan ma sehhx allura t-terminu ta' tliet snin indikat fl-**artikolu 258 (c)** ghall-esekuzzjoni ta' kuntratt kien ghadu ma skadiex.

Illi in effetti tali lment huwa fis-sens li t-terminu ta' tliet snin indikat fl-istess **artikolu 258** jibda' jghaddi minn zmien jumejn mid-data tal-att gudizzjarju li jsejjah lid-debituri ghall-hlas ta' dak dovut skont il-kuntratt pubbliku u mhux mid-data tal-kuntratt, u dan ghaliex l-intimati qed isostnu li hija proprju wara l-istess terminu ta' notifika tal-att gudizzjarju li effettiv tali titolu esekuttiv jista' jigi esegwiet.

Illi din il-kwistjoni giet ikkunsidrata fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **"Nobbli Mario Galea Testaferrata nomine vs Maria armla ta' John Borg et"** (A.C. – 4 ta' Marzu 1993) fejn inghad li t-tliet snin imsemmija fl-istess artikolu huwa terminu ta' dekadenza fis-sens li l-effikacja tat-titolu esekuttiv tispicca wara li jghaddu tliet snin u biex dak it-titolu jerga' jiehu effikacja, jista' jigi rinovvat bil-ministeru tal-Qorti wara rikors (qabel citazzjoni) u dan huwa *"principju ta' ordni pubbliku in kwantu l-ligi timponi kontroll gudizzjarju ghall-esekuzzjoni ta' dak li hija tirrikonoxxi bhala titoli li ghandhom il-qawwa li jesigu l-ghajnuna tal-forza gudizzjarja biex jipprevali d-dritt li gie kristallizzat fit-titolu".*

Illi tenut kont ta' dan inghad li l-*"frazi "seta' jigi esegwit" tirreferixxi ghat-titolu li seta' jigi esegwit; jigifieri meta t-titolu tal-kreditur jakkwista l-potenzjalita' ta' esekuzzjoni. Minn dik il-gurnata li dan l-akkwist issir – it-titolu huwa esegwibbli basta dik l-esekuzzjoni ssir matul il-perjodu ta' dik il-potenzjalita' – tliet snin. L-ittra ufficjali hija l-bidu ta' l-attwazzjoni ta' dik il-potenzjalita', hija l-ewwel pass fl-attwazzjoni tal-potenzjalita' esekuttiva tat-titolu. Huwa manifest illi t-titolu 'seta' jigi esegwit"* ***anki qabel ma' kreditur kontrattwali ma jiddecidi li jesegwixxi*** *jekk il-kuntratt jiddikjarah kreditur, u sa minn dik il-gurnata li huwa jkun hekk gie ddikjarat".* L-istess Qorti sostniet li jekk tali terminu ta' tliet snin jigi kkalkolat wara n-notifika ta' ittra ufficjali jkun effettivament ifisser li l-kreditur ikun arbitru ta' principju ta' ordni pubbliku fis-sens li huwa

jiddeciedi meta l-istess titolu jista’ jigi esegwit, haga li ma hijiex koncepibbli – u allura f’dan is-sens gie deciz li l-ittra ufficjali hija biss l-ewwel pass ghall-esekuzzjoni ta’ certu titoli, izda mhux it-titolu nnifsu, b’dan ghalhekk li t-terminu ta’ tliet snin indikat fl-**artikolu 258 (c) tal-Kap. 12** jibda’ ghalhekk jiddekorri mid-data tal-kuntratt pubbliku, ghaliex minn dik id-data l-istess titolu “seta’ gie esegwit”. F’dan il-kuntest din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament, u allura ladarba l-istess kuntratt pubbliku huwa datat l-1 ta’ Gunju 2004, mela allura sabiex l-istess kuntrat jigi res esegwibbli, dan jista’ jsir biss wara r-rikors skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 258,** kemm-il darba ghaddew tliet snin mid-data tal-istess kuntratt. B’hekk il-procedura odjerna hija korretta u skont it-termini tal-ligi u necessarja sabiex trendi l-istess kuntratt u titolu esekuttiv esegwibbli mill-gdid.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta qed tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati fejn l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti** fir-rikors taghha datat 24 ta’ Ottubru 2008 u b’hekk tawtorizza lis-socjeta’ rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimati l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat l-1 ta’ Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela (Dok. “A”) fl-ismijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------